Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,084, 17 ta' April, 2001

Taqsima B

A.L. 83 ta' 2001

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2001 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għad-Diploma in Social Studies

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2001 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għad-Diploma in Social Studies u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaga waħda mar-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għad-Diploma in Social Studies - ippubblikati bħala Avviż Legali 40 ta' l-1998, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2001 jew wara.

Emenda għar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-esej twil għandu jkun sottomess mhux aktar tard mill-bidu ta' l-Eżamijiet Finali msemmija f'paragrafu (1) tar-regolament 9, ħlief jekk speċifikat mod ieħor mill-Bord ta' l-Istudji."

Emenda għar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali

4. Il-paragrafu (5) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (4) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali:

"(5) L-istudenti li jiksbu mill-anqas għaxar kredti matul l-Ewwel Sena tal-Kors u jagħżlu li jieqfu mill-Kors, u l-istudenti li ma humiex eliġibbli għall-għoti tad-Diploma skond il-provvedimenti tal-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament iżda li kisbu mill-anqas għaxar kredti matul l-Ewwel Sena tal-Kors, ikunu eliġibbli għall-għoti tas-Certificate in Applied Social Studies."